MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 435/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alan Spiteri**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alan Spiteri bin Joseph u Doris nee` Spiteri, mwieled fil-15 ta' Mejju 1971, residenti 40, Triq Leli Tabone, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 235871M fejn gie akkuzat talli:

1. fit-3 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tal-5.15pm f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu tajr protett;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja tajr protett;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li jikkonforma ruhu ma’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jew naqas milli jikkonforma ruhu mal-kundizzjonijiet ta’ xi ordni moghtija legittimament skond xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jigifieri tal-Avviz Legali 79 tal-2007 kif sussegwentement emendat;

4. fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht l-A.L. 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi agixxa bi ksur ta’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti;

6. fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi kkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta parir jw flus lil xi haddiehor biex jikser xi disposizzjoni bhal dawk inkluza ordni legittimament moghtija skond xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti, jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht ir-regolamenti tal-A.L. 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat;

7. sar recidiv b’sentenzi datati 19 ta’ Dicembru 2001 Mag A. M. Trigona, 02 ta’ Novenbru 2006 Mag A. G. Vella u 6 ta’ Gunju 2007 Mag. A. G. Vella liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta’ Ottubru, 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Alan Spiteri hati u kkundannatu multa ta’ elfejn ewro (€2000) u ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca tal-istess imputat ghall-perijodu ta’ sena u spjegat lill-imputat il-portata tas-sentenza taghha.

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imputat Alan Spiteri minnu prezentat fl-14 ta’ Ottubru 2010, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedoti kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena skont il-ligi jew sussidjarament billi, f’kaz ta’ sejbien ta’ htija fuq semplici pussess ta’ tajr protett, tuza d-diskrezzjoni taghha biex, kif

awtorizzata mill-ligi, tapplika piena konfacjenti mac-cirkostanzi tal-kaz.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti, inkluzi d-depozizzjonijet tax-xhieda li xehedu quddiemha, u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej:

Fit-3 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tal-5.15 pm PC 389 Silvio Bonnici kien ghaddej mill-bajja ta' San Tumas, limiti Zejtun, fejn kien diga dalam. F'hin minnhom sema' daghjsa diehla gol-bajja li ntebah li kien dinghy ta' kulur iswed b'mutur zghir bi tnejn minn nies fuqu. D-dingy baqa' diehel ghal fejn isorgu d-daghjjes u ra lil wiehed mill-passiggieri jigri ghal fuq l-art b'tajra mdaqqsa li poggiha bejn zewg daghjjes zaghar li kienu sorguti. Il-persuna li kienet harget mid-daghjsa dahlet go vettura Peugeot 205 bin-numru DAT-153 ta' kulur abjad li maghha kellha karru tad-dinghy. Il-persuni li kienu fid-dinghy tellghu id-dinghy fuq il-karru u telqu bil-vettura minn fuq il-post. PC 389 kien boghod minnhom xi 50/60 metru. Huwa informa lil PC 1033 u PC 1231 b'dak li kien gara u dawn gew xi 10 minuti wara. Marru jfittxu t-tajra u sabuha bejn zewg daghjjes u kienet tat-tip Blongos Prim. Madwar siegha wara l-pulizija, fosthom PS 257 Godwin Scerri, fittxew fl-inhawi ghall-vettura li kienet giet indikata lilhom u ltaqghu ma' certu Jorkin Sciberras li kien wahdu fil-karozza li dak il-hin kienet minghajr il-karru. Minn tfittxija li saritlu fil-vettura sabu li kellu xi skratac u affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kacca. Meta mistoqsi Jorkin Sciberras wiegeb li ma kien jaf xejn u li ma kienx fuq il-bahar ghalkemm accetta li kellu daghjsa personali tieghu. Sciberras hadhom fuq dinghy li izda ma kienx jikkorrispondi mad-deskrizzjoni tad-dinghy li kien gie rappurtat lill-pulizija. F'xi hin il-pulizija rceviet informazzjoni minghand persuni li kienu jafu Sciberras ma min kien ikun li kienet tghid li ma' Sciberras kien hemm l-imputat u li d-daghjsa li kienet intuzat kienet tal-imputat. Filghaxija l-pulizija kkomunikat ma' l-imputat u talbitu biex 'l ghada filghodu jirrapporta fl-ufficju tal-Administrative Law Enforcement. Hekk ghamel u meta domandat mill-pulizija

l-imputat informha li kellu zewg dinghies Wied il-Ghajn. L-imputat akkompanja lill-Pulizija u hadhom Wied il-Ghajn fejn instab li wahda mid-dinghies kiene tikkorrispondi ghal kollox ma dik li kienet giet indikata lill-Pulizija bhala dik li ntuzat fil-lejl ta’ qabel. L-imputat accetta mal-pulizija li l-lejl ta’ qabel kien ma Jorkin Sciberras fid-dinghy indikat.

**6.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu elenkati kif gej:

(1) dwar it-tieni imputazzjoni ta’ ikkaccjar ta’ tajr protett l-htija tieghu ma hi sorretta b’ebda prova;

(2) dwar l-ewwel imputazzjoni ta’ pussess ta’ tajr protett ma gietx pruvata l-mens rea rikjesta ghall-htija tal-istess imputazzjoni;

(3) minghajr pregudizzu ghall-aggravji precedenti, darba li instab hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni hu assurd li nstab hati ukoll tal-imputazzjonjiet l-ohra, apparti r-recidiva.

**7. L-ewwel aggravju**: Dan l-aggravju jsostni li ma kienx hemm provi sabiex l-imputat appellant jinstab hati tat-tieni imputazzjoni u ghalhekk l-appellant qieghed jikkontesta l-apprezzament tal-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiema. L-appellant isostni li l-htija tieghu giet msejsa fuq prezunzjonijiet u xejn izjed. Il-gurisprudenza ta’ din il-Qorti fejn l-aggravju jikkoncerna l-apprezzament tal-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha hi ben assodata u din il-Qorti ma thossx li hemm xi htiega li tirribadiha. Din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament li l-ewwel Qorti tkun ghamlet tal-provi sakemm din il-Qorti ma tkunx tal-fehma li dik il-Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha f’liema eventwalita’ din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konkluzzjoni. F’dan il-kaz din il-Qorti qieghdha fil-fatt f’pozizzjoni ahjar mis-soltu biex addirittura hi stess taghmel direttament l-apprezzament tax-xhieda prodotti, inkluz l-appellant, peress li dawn xehedu quddiem din il-Qorti stess.

**8.** Mix-xhieda ta' l-ufficjali tal-pulizija li kienu involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz, inkluz l-affidavit ta' PC 389 Silvio Bonnici prodott quddiem l-ewwel Qorti u li jinsab akkwizit fost il-provi fil-process, jirrizultaw il-fatti riprodotti aktar 'il fuq f'din is-sentenza (ara paragrafu numru 5).

**9.** L-appellant, li xehed li kemm hu kif ukoll Jorkin Sciberras huma kaccaturi, jinsisti hafna fuq il-fatt li meta l-pulizija fittxew fil-karozza ta' Jorkin Sciberras li kien mar mal-imputat bid-dinghy ma nstabx senter fil-karozza tieghu izda nstabet biss kanna ta' senter u dan donnu li l-imputat qieghed johodha bhala xi prova inkonfutabbli li Jorkin Sciberras aktar qabel ma setax kellu senter fil-pussess tieghu meta fil-bajja ta' San Tumas kien flimkien mal-imputat fid-dinghy. Hu evidenti li l-fatt biss li aktar minn siegha wara li kien bid-dinghy f'San Tumas instabet fil-karozza ta' Jorkin Sciberras kanna ta' senter ma jeskludix li siegha qabel fid-dinghy fil-bajja ta' San Tumas ma kienx b'senter. Wara kollox kanna ta' senter hi indizju li xi mkien iehor Sciberras kellu l-kumplament tas-senter ghaliex ma jaghmilx sens li xi hadd jakkwista u jzomm kanna ta' senter li wahidha ma tiswa ghal xejn. Wara kollox, kif xehed l-imputat stess, Sciberras kellu licenzja ghal senter u xehed li kieku ma kienx hekk ma kienx ser jiehdu mieghu fid-dinghy. L-imputat xehed ukoll li Sciberras kien qallu li kienu gabrulu s-snieter mid-dar apparti l-kanna u ghalhekk ma hemmx dubbju li Sciberras fil-fatt kien jippossjedi aktar minn senter wiehed. Naturalment, ghalkemm li giet elevata kanna mill-karozza <u>ma teskludix</u> li Sciberras xi siegha qabel kellu senter meta kien fid-dinghy ma' l-imputat fl-istess hin anqas hi prova li Sciberras <u>fil-fatt kellu</u> senter meta kien fid-dinghy ma' l-imputat.

**10.** Fl-istqarrija tieghu lill-pulizija, li dwarha jew in konnessjoni maghha l-imputat ma qajjem ebda kwistjoni ta' ebda xorta, l-imputat stqarr li Sciberras kien gab mieghu senter u hu hallieh igibu mieghu ghaliex Sciberras kellu l-licenzja ghall-bahar. Meta xehed quddiem il-Qorti l-imputat ikkonferma lil lill-pulizija kien qallha li Sciberras kien gab mieghu senter izda xehed li kien qallha hekk ghaliex huwa hekk kien fehem ghalkemm Sciberras kien

qallu li kien gab mieghu kanna ta’ senter u mhux senter. Il-Qorti ma tista’ b’ebda mod temmen li lill-Pulizija l-imputat qallha li Sciberras kien gab senter mentri Sciberras kien qallu li gab kanna ta’ senter. Din it-trovata tal-imputat hija semplicement ripensament meta wara sar jaf li lil Sciberras kienu sabulu fil-vettura tieghu kanna ta’ senter. Di fatti bil-gurament tieghu quddiem din il-Qorti, peress li din il-Qorti f’dan il-kaz kellha l-opportunita’ tisma x-xhieda jixhdu quddiemha, l-imputat ikkonferma wkoll li lill-pulizija kompla jistqarrilha li fil-fatt Sciberras kien gabu, cioe s-senter, mieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li Sciberras kien armat b’senter meta kien flimkien mal-imputat fid-dinghy.

**11.** L-appellant ipproduca bhala xhud lil certu Charles Farrugia evidentement biex jipprova li ma kienx hu jew siehbu Sciberras li sparaw fuq it-tajra li wara nstabet bejn xi daghjjes. Din il-Qorti kellha l-opportunita’ tisma viva voce lill-istess xhud u ma ghandha ebda ezistazzjoni ta’ xejn li tiddikjara li ssib li x-xhud imsemmi hu wiehed ghal kollox inaffidabbli u li ma tistax taghtih kredibilita’ f’dak li jghid u dan kemm minhabba l-komportament evaziv tieghu fil-pedana tax-xhieda kif ukoll minhabba l-kontenut tad-depozizzjoni tieghu.

**12.** Dwar dan ix-xhud l-imputat fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti qal li din hi persuna li kien ikun dejjem jistad fil-ponta u li ghalhekk mar ifittxu u saqsieh kienx “rahom” jisparaw ghat-tajra u dan wiegbu li iva u li anki ra lill-imputat jigbor it-tajra u zied li kien induna li ma kienx l-imputat li spara lit-tajra izda kien ta’ warajh, cioe’ ta’ wara x-xhud Farrugia. Fl-ezami mill-avukat tal-imputat, Farrugia ma kellu ebda diffikulta jwiegeb ghad-domandi u essenzjalment xehed li kien jistad, kien ilu minn filghodu, ra t-tajra tinqatel ghalkemm ma jghidx li ra lil min sparalha, li l-imputat ma kienx hemm dak il-hin, li nqatlet b’tiri gejjin mill-art. Kollox cjar u limpidu. Meta sarlu l-kontroezami, izda, l-affarijiet inbidlu u beda ma jiftakar xejn u ma seta jzid xejn aktar dettalji. Ma setax jghid ma’ kemm ohrajn kien l-imputat fid-daghjsa, ma kienx jaf meta rah kienx gej lejn ix-xatt jew kienx hiereg ‘il barra, ma rahomx dehlin, umbghad qal li rahom hergin ‘l barra, ma jafx jekk meta

tellghu l-ghasfur tellghuhx minn naha tieghu jew minn naha l-ohra tad-daghjsa, jaf li l-imputat ma kienx wahdu izda ma jafx kemm kien hemm mieghu, wara hafna ripetizzjoni li lil tad-daghjsa rahom jigbru t-tajra fl-ahhar xehed li fil-fatt ma kienx rahom jigbru t-tajra ghaliex ma jafx x’gabru u sahansitra qal li setghu gabru kelb, jew setghet kienet borza. In kontroezami xehed li kien sema lil xi hadd jghajjat lil min kien hemm fid-daghjsa sabiex imur jigborlu t-tajra mentri mis-sentenza appellata jirrizulta li x-xhud quddiem l-ewwel Qorti kien xehed li wara li nqatlet it-tajra kienu gew l-imputat u siehbu bid-daghjsa ghal xi l-5.00 pm u tellghu it-tajra mill-ilma minghajr hadd ma qalilhom xejn.

**13.** Ghalkemm fl-istqarrija tieghu lill-pulizija l-imputat jghid li gharaf li t-tajra kienet blongos meta gabarha u halliha fid-daghjsa u mar itella’ d-daghjsa ma’ Sciberras, meta xehed l-imputat jghid li meta gabar it-tajra kien dlam cappa tant li ma setax anqas jaghraf x’tajra kienet izda fl-istess hin jghid li ra lil wiehed mill-art jaghmillu sinjal u jghajjattlu biex jigbor il-borka. Mela kien dlam cappa tant li t-tajra li gabar dak il-hin u kienet taht ghajnejh fid-daghjsa ma setax jaghrafha izda persuna li kienet fuq ix-xatt ratu bid-dinghy fil-bahar u hu ra lil dik il-persuna fuq ix-xatt taghmillu sinjal. L-imputat jghid li ghalkemm kellu genn biex jara x’tajra kienet, ghalkemm jghid li ma qatluhiex huma u suppost li gabarha ghal haddiehor, kellu jistenna sakemm jitrakkaw max-xatt biex seta jaghraf it-tajra u dan permezz tal-bozza li kien hemm fuq il-moll. L-imputat jghid li l-bozza kienet tixhet dawl qawwi li bih tara tajjeb u ghalhekk l-imputat kien f’pozizzjoni li jaghraf it-tajra meta kien ghadu fil-bahar riesaq lejn il-moll u seta ghalhekk facilment jarmi t-tajra l-bahar minn fejn difficilment kienet tkun rikoverabbli aktar tard minn xi hadd. L-imputat ma kellux ghalfejn jistenna li jitrakka mal-moll u jinzel mid-daghjsa sabiex jaghraf it-tajra biex umbghad jexhitha bejn zewg daghjjes fejn setghet tigi rkuprata minn  min seta’ kien interessat fiha. Il-Qorti tista’ tkompli tissenjala diversi anomaliji ohra fix-xhieda ta’ Charles Farrugia u tal-imputat izda jidhrilha li dawk li ssemmew huma bizzejjed biex jispjegaw ghaliex din il-Qorti ma taghti ebda kredibilita’ liz-zewg xhieda msemmija u partikolarment lil din l-istorja li

jirrakkontaw ta' xi hadd li kien fl-art u spara fuq it-tajra li waqat fil-bahar u li eventwalment gabar l-imputat u siehbu mill-bahar fuq rikjesta ta' kaccatur li kien fuq l-art li fuq kollox anqas jirrizulta li qaghad jistenna lill-imputat jirritorna max-xatt biex minghandu jigbor it-tajra li suppost kien talab lill-imputat jigborlu.

**14.** Ghalhekk mill-provi jirrizulta li ghall-habta tal-5.15 pm tat-3 ta' Dicembru 2009 l-imputat flimkien ma' Sciberras, zewg kaccaturi, li fosthom Sciberras kien armat b'senter hargu b'd-dinghy fil-bahar. Li Sciberras kien armat b'senter. Li ma jirrizultax li kien hemm hadd iehor armat b'senter fl-inhawi taghhom. Li dak il-hin nqatlet it-tajra Blongos b'tiri ta' senter. Tenut kont tal-fatt li l-unika persuna li tirrizulta li kienet fl-inhawi armata b'senter kien Sciberras hi legittima l-inferenza li l-persuna li sparat fuq it-tajra msemmijia, tajra li rrizultat li hi wahda protetta, kien Sciberras. Jirrizulta li l-imputat u Sciberras huma kaccaturi ta' esperjenza tant li l-imputat ghandu licenzja "ta kollox", u cioe' tal-art, tal-bahar u ghall-fniek salvagg, u stqarr li "ili mindu tfal narhom dawn l-affarijiet" wara li rrakkonta b'certu hila u sengha l-effett differenti ta comb ohxon u ta' comb irqiq fuq il-mod kif jiftah it-tir, id-distanza li jivvjaggja, u n-natura tal-griehi fuq it-tajr. Ghalhekk il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li l-imputat kien jaf tajjeb x-xinhu jaghmel u li kien ma siehbu qieghed jikkaccja tajra protetta. L-imputat u Sciberras umbghad gabru t-tajra u xehtuha fid-daghjsa u biha marru lura lejn ix-xatt fejn iddecidew li jahbuha bejn zewg daghjjes biex ikunu jistghu jigbruha f'hin iehor. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju tal-imputat qieghed jigi respint.

**15.** Skont **it-tieni aggravju** tieghu l-appellant jghid li ma gietx pruvata l-*mens rea* mehtiega ghall-htija tal-ewwel imputazzjoni ta' pussess ta' tajr protett. A bazi tal-apprezzament tal-provi li ghadha kemm ghamlet il-Qorti in konnessjoni mal-ewwel aggravju tal-appellant din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li appena l-imputat gie fil-pussess tat-tajra in kwistjoni kien perfettament konsapevoli li t-tajra kienet wahda protetta u l-imgieba kollha tieghu waqt li kien fuq il-bahar u fil-kors kollu li kien fil-pussess tat-tajra in kwistjoni tixhed li hu kien jaf ben

tajjeb li kien gie fil-pussess ta’ tajra protetta u li ried jipprova jahbi dan il-fatt billi malajr jahbi temporanjament it-tajra izda b’mod li jkun jista’ jirkuprha f’hin iehor. Dan l-aggravju wkoll, ghalhekk, qieghed jigi respint.

**16. It-tielet aggravju** tal-appellant huwa fis-sens li darba li tinstab htija tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni jkun assurd li tinsab htija wkoll tal-imputazzjonijiet rimanenti apparti r-recidiva. Sa certu punt legalment l-appellant ghandu ragun, darba li ma jirrizultawx fatti li jammontaw ghal reati diversi minn dawk sottostanti l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, ghaliex il-fatti sottostanti l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u r-regolamenti 4(a) u 4(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 huma reati u punibbli bhala tali fuq l-iskorta ta’ dak li jipprovdi r-regolament 27(1)(a)(b)(c) tal-istess avviz legali. Dan, izda, ma jgib ebda konsegwenza rigward il-piena ghaliex il-piena erogata mill-ewwel Qorti hi ghal kollox fil-margini tal-piena prevista ghal min ikun hati bhala recidiv tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet biss.

Ghall-motivi premessi l-appell tal-imputat appellant Alan Spiteri qieghed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha b’dan li z-zmien ta’ sena ghall-iskwalifika mil-licenzja tal-kacca tal-imputat appellant ghandu jibda jghodd mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------